**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**10 t'Ottubru, 2021**

# MIN IMUR L-ISKOLA

Ftit snin ilu, fl-2014, il-Papa Franġisku għamel kelmtejn mill-isbaħ għal dawk li jmorru l-iskola. Fost l-oħrajn qal dan li ġej:
"Min imur l-iskola JIFTAĦ QALBU GĦAR-REALTÀ. Fl-ewwel snin nitgħallmu 30 degrees, imbagħad bil-mod il-mod l-istudenti japprofondixxu fuq linja waħda u mbagħad jispeċjalizzaw.
L-iskola hija l-post FEJN NILTAQGĦU. L-iskola mhix il-post fejn nipparkjaw it-tfal. Hija l-post fejn jiltaqgħu dawk li mexjin fit-triq. It-tfal jiltaqgħu ma' xulxin, jiltaqgħu l-għalliema u jiltaqa' l-istaff. Il-ġenituri jiltaqgħu mal-għalliema ta' wliedhom. Meta niltaqgħu ma' xulxin, insiru nafu lil xulxin u nimxu flimkien.
L-iskola tedukana għal dak kollu li huwa VERU, TAJJEB U SABIĦ. Fl-iskola mhux biss insiru nafu affarijiet ġodda, il-kontenut tal-lezzjonijiet, nitgħallmu wkoll id-drawwiet u l-valuri... Għeżież ġenituri u għalliema nawguralkom li lit-tfal tgħallmuhom it-tliet lingwi li kull persuna matura għandha tkun taf; il-lingwa tal-moħħ, il-lingwa tal-qalb u l-lingwa tal-idejn".



Alavolja huma tfal għandna dejjem nirrispettaw il-libertà tal-kuxjenza tat-tfal. Qatt ma għandna naġixxu mat-tfal qisu dejjem għandhom raġun huma. U lanqas nimxu magħhom qishom dejjem għandhom tort. Kultant aħjar tħalli lit-tfal ifallu f'xi ħaġa fl-iskola u jaraw l-iżball, milli tagħmel pressjoni kontinwa fuqhom biex jagħmlu dmirhom. Nitolbu lil Alla biex jagħtina l-ekwilibriju fid-dixxiplina, mingħajr ma noħonqu l-espressjoni min-naħa tat-tfal infushom.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**QUDDIES GĦAND IL-MORDA U L-ANZJANI:** dawk li jixtiequ li saċerdot iqaddsilhom fid-dar tagħhom fix-xhur ta' Ottubru u Novembru, ikellmu lis-saċerdot li jqarbinhom jew jekk ma jitqarbnux jew iqarbnuhom tal-familja u l-ministri tal-Ewkaristija, ikellmu lil xi ħadd mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**MOWBAJLS FIL-KNISJA:** qed jaslulna bosta lmenti dwar persuni li jkunu fil-knisja u jħallu l-mowbajl mixgħul u dan idoqq waqt il-quddiesa. Agħar minn hekk, hemm persuni li b'nuqqas ta' ħsieb jew nuqqas ta' rispett, jibagħtu l-messaġġi waqt li jkunu fil-knisja. Nitolbukom sabiex dejjem tħallu l-mowbajl mitfi xħin tkunu qed tieħdu sehem fl-iktar mument sagru li għandna aħna l-Insara; il-quddiesa.

**NAĦSBU GĦAX-XAHAR TAL-ERWIEĦ:** bħalissa qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq bost oqbra tal-komun fiċ-ċimiterju tad-Duluri (ta' Kenuna). Se jitranġaw ħitan diviżorji li kienu qed iċedu. Qed isir xogħol ta' manutenzjoni fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina wkoll.
Nitolbuhom sabiex meta żżuru ċ-ċimiterju u jkollkom affarijiet x'tarmu, bħal xemgħat użati, fliexken u ward niexef, dejjem tużaw l-iskips li jkunu għad-dispożizzjoni tagħkom. Infakkrukom li fix-xahar ta' Novembru tistgħu tiġu u tagħtu l-kontribuzzjoni għaż-żamma taż-żewġ ċimiterji.

**KOMPETIZZJONI TAL-PRESEPJI:** mill-Unit tal-Kultura. L-applikazzjonijiet għaliha jagħlqu fid-29 t'Ottubru. Hemm rigali ta' flus x'jintrebħu għall-isbaħ presepji mekkaniċi, statiċi u ta' wara t-twieqi. Għal aktar informazzjoni akkwistaw ir-regolamenti u l-applikazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mid-9:00am sal-11:00am.

**PRESEPJI FIL-KNISJA:** din is-sena se nagħtu opportunità li wieħed jarma presepju fil-knisja. Naturalment ma jkunx possibbli li nagħmlu ta' kulħadd. Min għandu xi presepju u jrid jagħmlu għall-wiri, ikellem lil Dun Reuben. First come, first served.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** se jorganizza coffee morning kbir nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru fid-9:00am fil-Każin tal-Banda. Il-Kumitat ifakkar ukoll li qed jorganizza t-tombli ta' nhar ta' Ħadd fis-7:00pm fil-Każin stess.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am